MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2779/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited**

**vs**

**Anthony Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Novembru, 2002 fejn is-socjeta' attrici qed titlob ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' erba' mija u tnejn u disghin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm492.35), illi jirrapprezenta l-hlasijiet effettwati minnha lil terzi ghan-nom tal-konvenut ai termini ta' l-Att Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, (Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta), in**

**konnessjoni ma' l-incident awtomobilistiku illi sehh fl-4 ta' Dicembru 1998 ghall-habta ta' 3:00p.m., gewwa Gzira Road, Gzira, bejn il-vettura assikurata mill-konvenut mas-socjeta' attrici, bin-numru tar-registrazzjoni CAE 946, u l-vettura misjuqa minn Joe Chetcuti bin-numru tar-registrazzjoni AAP 031.**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob lil din l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut jirrifondi tali ammont wara li jigi dikjarat illi l-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut hija annullata, kancellata u mhassra stante illi l-konvenut ma onerax il-kundizzjoni tal-polza relattiva billi baqa' jirrifjuta illi jhallas l-*excess* payment dovut minkejja diversi interpellazzjonijiet lilu maghmula.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandati Kawtelatorji li gew ipprezentati kontestwalment ma' l-avviz tat-talba u dawk tal-konsult ammontanti ghal hmistax-il lira Maltin (Lm15.00) piu' t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-14 ta' Frar 2003 fejn intqal:**

**1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**2. Illi bla pregudizzju l-attur m'huwiex totalment responsabbli ghall-incident in kwistjoni.**

**3. Illi bla pregudizzju se mai ghandu jigi kkundannat ihallas l-excess stabbilit fil-polza ta' assikurazzjoni li kellu l-konvenut mas-socjeta' attrici.**

**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2003 il-konvenut ecepixxa ulterjorament l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal.**

**Ra d-dekriet moghti fil-15 ta' Mejju, 2003 fejn it-Tribunal cahad l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza ratione materaie.**

**Semgha x-xhieda ta' Anthony Savona, Anthony Attard. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza qed issir ghal hlas ta' l-ammont ta' erba' mija u tnejn u disghin lira u hamsa u tletin centezmu (Lm492.35) li s-socjeta' attrici qed tghid illi l-konvenut ghandu jhallas ai termini ta' l-Att Dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta).**

**2. Il-konvenut kien involut f'incident awtomobilistiku fl-4 ta' Dicembru, 1998 gewwa Gzira Road, Gzira bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut numru tar-registrazzjoni CAE 946 u l-vettura misjuqa minn Joe Chetcuti numru AAP 031.**

**3. Jirrizulta illi l-konvenut ma hallasx l-*excess payment* dovut kif stipulat fil-polza u konsegwentement is-socjeta' attrici qed tippretendi r-rifuzzjoni tal-hlas minnha maghmul.**

**4. Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 cioe' l-preskrizzjoni ta' sentejn, it-Tribunal ma jistax ma jinnutax in-nuqqas fil-verbal tal-15 ta' Mejju, 2003 li fiha suppost kienet giet irtirata dina l-eccezzjoni. Peress illi mill-atti ma jirrizultax li din giet irtirata t-Tribunal qed jiehu konjizzjoni taghha.**

**5. L-incident sehh fl-4 ta' Dicembru, 1998 u din il-kawza infethet fit-22 ta' Novembru, 2002. Jirrizulta dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni illi mix-xhieda tal-konvenut huwa qal illi:**

***« wara xi sentejn is-socjeta' attrici baghtitli karta sabiex immur inhallas hamsin lira (Lm50) ».***

**Qal ukoll *« jiena mort kellimt lil wiehed Schembri li jahdem ta' l-assikurazzjoni u ghidtlu li l-hamsin lira (Lm50) kont lest li nhallashom bil-mod ».***

**Ghalhekk f'dan il-kaz l-ammissjoni fiha innfisha li kien hemm xi ammont dovut interrompa kwalunkwe terminu preskrittiv li kien ghaddej u konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi akkolta.**

**6. Dwar l-incident il-konvenut qed ighid li dan mhux responsabbilta' tieghu. It-Tribunal fir-rigward qed jaghmel referenza ghal *front to rear form* esebit Dok AC a fol 44 tal-process liema formola kienet giet iffirmata mill-konvenut u tindika bic-car illi t-tort kien tal-konvenut illi ma zammx id-distanza regolamentari mill-vettura ta' quddiemu u konsegwentement saret il-kollizzjoni. Skond il-Motor Vehicle Accident Report Dok AD esebit a Fol 45 u 46 tal-process l-istess sewwieq (konvenut) qal:**

***"I was driving through Gzira Road. Suddenly the car in front of me stopped because there was a boy that was going to cross the road. I tried to brake but to no avail. I dashed into him".***

**Dana juri bic-car illi l-incident gara unikament tort tal-konvenut.**

**7. Is-socjeta' attrici esebit il-korrispondenza li ghaddiet mal-konvenut Dok A sa Dok Z u Dok AA sa Dok AE. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta illi s-socjeta' attrici hallset l-ammont ta' erba' mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm492.35) [in full and final settlement] u dana skond ittra datata 10 ta' Marzu, 2002 Dok J u c-cheque relattiv datat 2 ta' Marzu, 2002. Il-hlas sar lil Elmo Insurance Services Limited l-assigurazzjoni tal-persuna li fih habat il-konvenut. Jirrizulta wkoll li tali ammont thallas skond ir-ricevuti esebiti.**

**8. Il-konvenut qed ighid li hu ghandu jhallas biss l-*excess*, u cioe' s-somma ta' hamsin lira (Lm50). It-Tribunal qed jaghmel referenza.**

**9. Fid-Dok AF taht it-titolu ta' *insurance cover* hemm stipulat kjarament li s-socjeta' attrici tipprovdi l-assigurazzjoni necessarja:**

***"…. If you have paid the premium, and keep to the exceptions, conditions and Endorsements of this policy"***

**Ma hemmx dubbju li wahda mill-kondizzjonijiet hija l-hlas ta' l-excess ai termini ta' l-istess polza. Jekk wiehed jara d-Dokumenti A, F, G, H, M u N esebiti jirrizulta li ntalab kemm-il darba lill-konvenut sabiex ihallas l-*excess* u non ostante dawn id-diversi talbiet huwa baqa' ma hallasx. Konsegwentement ma hemmx dubbju illi l-konvenut m' onorax l-obbligi tieghu skond il-polza. Konsegwentement is-socjeta' attrici ghandha kull dritt li titlob li tigi rimborsata ghal hlas li ghamlet, liema hlas sar ai termini tal-Ligi. Konsegwentement ma hemmx lok li jigu milqugha l-eccezzjonijiet sollevati u ghandha tigi milqugha t-talba attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija tnejn u disghin lira u hamsa u tletin centezmu (Lm492.35). Bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Frar, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat Kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' l-avviz u l-ispejjez tal-konsult ammontanti ghal hmistax-il lira (Lm15) piu' t-taxxa fuq il-valur mizjud ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------